**Minuti tat-355 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, s-Sur Clyde Caruana ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Clyde Caruana, l-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joe Bonnici, Joseph Buttigieg, Gordon Pace, Malcolm Abdilla, Robert Buhagiar, s-Sur John J. Pace, Frans Catania u Anthony Farrugia.

Il-Kunsillier Mark Grech kien skuzat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tat-354 laqgħa tal-Kunsill ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Qabel l-approvazzjoni ta' finanzi s-Sindku nforma lill-Kunsill illi bejn l-10 ta' Dicembru 2008 u d-29 ta'Mejju 2009 l-Kunsillier Mark Grech naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat li saru fl-aħħar sitt xhur u ppropona li peress li n-nuqqas ta' attendenza tiegħu għal laqgħat tal-Kunsill kienet skużabbli, l-post tiegħu m'għandhux jiġi dikjarat vakanti. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Ministru biex il-post tas-Sur Mark Grech ma jiġiex dikjarat vakanti.

<u>*Item 3* - Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill *is-Schedule of Payments* għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Mejju, 2009 u l-15 ta' Ġunju, 2009 li kien jammonta għal €52,379.21. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Sur John J Pace rringrazzja lis-Sindku, lis-Sur Farrugia, lis-Sur Abdilla u lis-Sur Gordon Pace li mhux ser jerġgħu jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li jmiss. Is-Sur Farrugia filwaqt li rreċiproka u rringrazzja lill-Kunsillieri kollha qal li kien ta' sodisfazzjon għalih li matul it-tnax-il sena li serva fil-Kunsill ħadem għal ġid ta' Ħaż-

Żabbar u tar-residenti. Huwa rringrazzja lill-Kunsill wkoll għall-onorifiċenzi li ngħata matul dawn is-snin fosthom Ġieħ Ħaż-Żabbar u l-Premju Ċittadin tas-Sena. Is-Sur Farrugia irrefera wkoll għar-rapport eċċellenti li l-Kunsill irnexxielu jibni mal-pajjiżi barranin li magħhom il-Kunsill għandu ġemellaġġ jew Patt ta' Ħbiberija. Fl-aħħar, is-Sur Farugia awgura li Kunsill ġdid ikompli jaħdem f'attivitajiet li ser ikunu qed isiru fil-ġimgħat u xhur li ġejjin fosthom il-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ li ser isir f'Malta f'Lulju li ġej.

Fl-aħħarnett is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-membri ta' l-*istaff* għax-xogħol li huma wettqu u awgura aktar ħidma siewja għal ġid tal-lokalita'u tar-residenti. Is-Sindku saħaq dwar l-importanza li l-Kunsill ikompli jġib aktar finanzjament għal proġetti minn fondi oħra fosthom l-*Urban Improvement Fund.*

Il-Kunsillieri preżenti wkoll irringrazzjaw lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill li mhux ser jikkontestaw l-elezzjoni li jmiss għax-xogħol li huma wettqu. Is-Segretarju Eżekuttiv f'ismu u f'isem il-membri ta' l-*istaff* irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv